



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Ġunju 2020
(OR. en)

8868/20

COTER 42
CT 42
COPS 192
RELEX 452

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 8742/20 + COR 1	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Azzjoni Esterna tal-UE dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu u l-Estremiżmu Vjolenti

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Azzjoni Esterna tal-UE dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu u l-Estremiżmu Vjolenti kif approvati bi proċedura bil-miktub fil-15 ta' Ġunju 2020.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Azzjoni Esterna tal-UE dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu u l-Estremiżmu Vjolenti

Introduzzjoni

1. Il-Kunsill itenni l-impenn sod tiegħu li jipproteġi liċ-ċittadini tal-UE kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti fil-forom kollha tagħhom u irrispettivament mill-orijini tagħhom. B'hekk, jibqa' ddedikat li jkompli jappoġġa azzjoni esterna msaħħa tal-UE fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu (CT), u li jipprevjeni u jiġġieled kontra r-radikalizzazzjoni li twassal għall-estremiżmu vjolenti u għat-terroriżmu (P/CVE). Fid-dawl tan-natura dejjem tevolvi tat-theddid mit-terroriżmu internazzjonali, il-Kunsill iddeċieda li jaġġorna l-konklużjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-azzjoni esterna tal-UE biex jiġu miġġielda u prevenuti t-terroriżmu u r-radikalizzazzjoni li jwasslu għall-estremiżmu vjolenti u t-terroriżmu.
2. Dawn il-konklużjonijiet huma komplementari għall-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-azzjoni esterna b'rabta mal-ġlieda kontra t-terroriżmu tad-9 ta' Frar 2015 u d-19 ta' Ġunju 2017, u jibnu fuqhom. Flimkien, it-tliet settijiet ta' konklużjonijiet jiffurmaw il-pedament tal-involvement futur tal-UE, f'allinjament mal-Istrateġija tal-UE tal-2005 Kontra t-Terroriżmu, l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà u l-Istrateġija Globali tal-UE għall-2016, li tfakkar li s-sigurtà domestika tiddependi mill-paċi u l-istabbiltà lil hinn mill-fruntieri tal-UE.
3. B'mod parallel għall-isforzi globali mwettqa fil-qasam tad-diplomazija, tal-iżvilupp, tas-sigurtà u dak umanitarju, l-azzjoni esterna tal-UE u tal-Istati Membri, filwaqt li taġixxi bħala attur stabbilizzanti fil-viċinat tal-UE u lil hinn minnu, tirrappreżenta strument essenzjali għall-promozzjoni tal-interessi u l-valuri tal-UE fix-xena globali u għas-salvagwardja tal-istil ta' ħajja taċ-ċittadini tagħha kif definit fl-Aġenda Strateġika tal-Kunsill Ewropew 2019-2024.

4. Abbażi tal-progress miksub fit-titjib, l-integrazzjoni u l-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji u l-għodod diplomatiċi tal-UE, fl-appfondiment tal-kooperazzjoni bejn Stati Membri u l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE, u fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni mas-sħab internazzjonali ewlenin, il-Kunsill jappella għal tisħiħ ulterjuri tal-involvement u l-azzjoni esterni tal-UE b'rabta mal-ġlieda kontra t-terroriżmu fl-oqsma ġeografiċi u tematiċi ta' prijorità stabbiliti hawn taħt. Dawn il-konklużjonijiet jenfasizzaw it-theddid mit-terroriżmu, jiffokaw fuq fejn l-UE għandha tinvesti ġeografikament, jidentifikaw l-oqsma ta' prijorità għal azzjoni, u jenfasizzaw l-importanza ta' kooperazzjoni internazzjonali msaħħa.

It-theddida terroristika li qed tevolve

5. Il-Kunsill jirrikonoxxi li t-terroriżmu qed ikompli jevolvi u li l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jadattaw kif meħtieġ. It-theddida minn Da'esh u al-Qaeda u l-affiljati tagħhom għadha għolja. Minkejja l-liberazzjoni b'suċċess tat-territorju fis-Sirja u l-Iraq mill-kontroll tiegħu, Da'esh għad għandu preżenza fiż-żewġ pajjiżi u jista' jieħu vantaġġ mis-sitwazzjoni ta' sigurtà li qed tiddeterjora fir-reġjun biex jerġa' jikseb il-momentum. Għaldaqstant jenħtieġ mobilizzazzjoni soda tal-komunità internazzjonali. Filwaqt li jesploraw strateġiji differenti, kemm Da'esh kif ukoll al-Qaeda huma ħerqana li jżommu l-influwenza tagħhom, jespandu l-attivitajiet tagħhom u jxerrdu l-ideoloġija Iżlamika estremista vjolenti tagħhom fil-livell globali f'forom differenti permezz ta' ferġat lokali u reġjonali madwar id-dinja. F'dan ir-rigward, huma jiddependu kulma jmur minn pjattaformi online, li saru saħansitra aktar essenzjali għat-tixrid tal-propaganda terroristika, l-ispirazzjoni, l-ġhoti ta' gwida u t-twettiq ta' attakki, u għall-promozzjoni tar-radikalizzazzjoni li twassal għall-estremiżmu vjolenti u għat-terroriżmu. Għaldaqstant, il-Kunsill jappella biex jiġu indirizzati l-kundizzjonijiet sottostanti li wasslu għall-qawmien ta' Da'esh u al-Qaeda.
6. Il-Kunsill jinnota t-tkomplija ta' avvanzi terroristiċi inkwetanti fir-reġjun MENA, fir-reġjun tas-Saħel/Afrika tal-Punent u fir-reġjun tal-Lag Chad. It-terroriżmu għadu għaddej bla waqfien fil-Qarn tal-Afrika, b'al-Shabaab jagħti xhieda ta' tisħiħ, b'Da'esh iżomm preżenza, u bil-firxa ulterjuri ta' gruppi terroristiċi ġewwa il-kontinent u fin-Nofsinhar tiegħu. L-isfidi li jirriżultaw mit-terroriżmu, u mir-radikalizzazzjoni li twassal għat-terroriżmu, x'aktarx ser jibqgħu sors ta' pressjoni fl-Asja Ċentrali, filwaqt li l-Afganistan, b'mod partikolari, x'aktarx ser ikompli jsofri minn instabbiltà u terroriżmu, minkejja l-isforzi ta' paċi li għaddejjin bħalissa. Attakki terroristiċi qed jitwettqu fl-Asja t'Isfel u gruppi terroristiċi qed ifittxu jiks bu preżenza soda fl-Asja tax-Xlokk kif ukoll fil-Balkani tal-Punent.

7. Fl-istess ħin, sfidi ewlenin oħra jitolbu azzjoni determinata ulterjuri, bħal li: il-ġellieda terroristi barranin (FTFs) jitressqu quddiem il-ġustizzja u jiġi prekluż il-moviment tagħhom, speċjalment qsim mhux identifikat tal-fruntieri tal-UE; tiġi indirizzata ż-żieda fir-radikalizzazzjoni mrawma internament u li tiġi antiċipata t-theddida persistenti li tirriżulta minn ċelloli terroristiċi mhux attivi u atturi solitarji; jiġu ssorveljati l-individwi rilaxxati wara li jkunu servew sentenzi relatati mat-terroriżmu; ikun hemm adattament għall-iżviluppi fil-ħasil tal-flus u l-finanzzjament tat-terroriżmu; jittaffa l-isfruttament tal-iżviluppi teknoloġiċi rapidi; jiġi indirizzat t-theddid emerġenti u ibridu għall-avjazzjoni, l-infrastruttura kritika u l-ispazji pubbliċi; u jiġi indirizzat it-tixrid tal-ideoloġija Iżlamista estremista vjolenti u l-inbit ta' estremiżmu vjolenti u terroriżmu motivati politikament, speċjalment fid-dawl tal-ġhadd dejjem akbar ta' attacchi terroristiċi tal-lemin estrem.
8. Barra minn hekk, peress li l-impatt tal-pandemija COVID-19 jirrappreżenta sfida bla preċedent b'effetti b'firxa wiesgħa li ser jimmanifestaw ruħhom biss għalkollox fit-tul, għandu jsir sforz speċifiku biex tiġi vvalutata l-influenza potenzjali tiegħu fuq l-attivitajiet terroristiċi kif ukoll fuq il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu, u biex tiġi identifikata azzjoni mmirata possibbli tal-UE.
9. Il-Kunsill jappella għal azzjonijiet speċifiċi fl-oqsma ġeografiċi u tematiċi li ġejjin bħala kwistjoni ta' prijorità sabiex jikkomplementaw, isaħħu u joħlqu sinerġija aħjar tal-isforzi aggregati tal-UE fil-ġlieda kontra t-terroriżmu.

It-tisħiħ tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi/reġjuni ewlenin

10. Il-Kunsill jinnota li l-UE impenjat ruħha f'għadd ta' djalogi politiċi dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu ma' pajjiżi u reġjuni sħab ta' prijorità, u dan ippermetta l-adozzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni u programmi ta' kooperazzjoni speċifiċi. Huwa jirrikonoxxi r-rwol importanti tan-Network tal-UE ta' Esperti dwar il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu/is-Sigurtà f'dan ir-rigward, kif ukoll il-ħtieġa li dak in-network jissaħħaħ aktar.
11. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li l-fokus ewlieni tiegħu jinżamm fuq l-eqreb viċinat tiegħu, li huwa intrinsikament marbut mas-sigurtà interna tal-UE. Għaldaqstant għandha tingħata attenzjoni partikolari għal kooperazzjoni aktar strutturata dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni jew il-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti ma' pajjiżi u reġjuni li minnhom ġej l-aktar theddid dirett għas-sigurtà tal-Ewropa u li għandhom l-akbar ħtieġa ta' assistenza.

12. Il-Kunsill jappella lill-UE biex tavvanza l-kooperazzjoni mas-sħab fil-Balkani tal-Punent f'konformità mad-Dikjarazzjoni ta' Sofija tas-17 ta' Mejju 2018, id-Dikjarazzjoni ta' Zagreb tas-6 ta' Mejju 2020 u l-Pjan ta' Azzjoni Konġunt dwar il-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent. Huwa jappella wkoll biex l-UE timplimenta, u taġġusta fejn meħtieġ, is-sħubiji eżistenti kontra t-terroriżmu u tapprofondixxi l-kooperazzjoni kontra t-terroriżmu, inkluż ma' pajjiżi sħab rilevanti oħra fl-Afrika ta' Fuq u l-Lvant Nofsani (MENA), biex tkompli b'mod regolari djalogi mmirati u mtejba dwar is-sigurtà u l-ġlieda kontra t-terroriżmu ma' dawn is-sħab, u tgħin biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet sottostanti li wasslu għall-qawmien ta' Da'esh.
13. L-UE għandha tkompli ssaħħaħ il-preżenza tagħha fis-Sahel b'kont meħud tat-theddida dejjem akbar u r-riskju ta' kontaġju għall-pajjiżi kostali tal-Afrika tal-Punent, u, b'mod aktar ġenerali, tindirizza t-tixrid dinamiku intrakontinentali tat-terroriżmu li qed tikber, bħal fil-Qarn tal-Afrika u f'pajjiżi Afrikani oħra, fejn l-attivitajiet terroristiċi qed jiżdiedu. L-istampa ta' theddid globali teħtieġ li l-UE tkun miftuħa wkoll għal impenn kontra t-terroriżmu u għal involviment ma' pajjiżi f'reġjuni oħra li huma strateġikament importanti għas-sigurtà Ewropea, bħall-Asja Ċentrali, l-Asja tan-Nofsinhar u l-Asja tax-Xlokk.
14. Il-Kunsill jemmen bis-sħiħ li l-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni li twassal għall-estremiżmu vjolenti u t-terroriżmu għandha tiġi integrata, fejn xieraq, fl-ipprogrammar ta' assistenza għall-iżvilupp, kif ukoll fl-istrateġiji speċifiċi għall-pajjiżi u daww reġjonali.

It-tisħiħ tar-rispons tal-UE fi kwistjonijiet trasversali ewlenin

a) Il-liġi Internazzjonali, id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Istat tad-Dritt

15. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu dwar il-prijoritajiet tal-UE fil-Fora tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tas-17 ta' Frar 2020, il-Kunsill jenfasizza li l-miżuri kollha ta' kontra t-terroriżmu jridu jitwettqu f'konformità sħiħa mal-valuri ċentrali tal-UE, inkluż l-istat tad-dritt, u f'konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-dritt umanitarju u d-dritt internazzjonali dwar ir-refuġjati. Għal dan il-għan, l-UE trid tkompli tappoġġa u tippromwovi b'mod proattiv id-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji tad-dritt internazzjonali, fl-aspetti kollha tal-isforzi globali tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u fis-sħubijiet strateġiċi kollha tagħha, inkluż fir-rieżamijiet regolari tal-Istrateġija Globali tan-NU Kontra t-terroriżmu.

b) Ġellieda terroristi barranin

16. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-Ġellieda Terroristi Barranin ser jibqgħu sfida ta' sigurtà komuni kbira għas-snin li ġejjin. Il-Kunsill jilqa' wkoll il-progress li sar skont ir-riżoluzzjonijiet 2178 (2014) u 2396 (2017) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, u jfakkar fl-oġettivi finali tal-prevenzjoni tal-ivvjaġġar għal skopijiet terroristiċi u l-iżgurar tar-responsabbiltà għar-reati kollha mwettqa, b'rispett sħiħ tad-drittijiet tal-bniedem u d-dritt internazzjonali u d-dritt tal-UE applikabbli. Parti ewlenija ta' dan l-isforz ser tikkonsisti fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni, f'waqthom, fost l-Istati Membri, mal-INTCEN, il-Europol, il-Eurojust u l-Interpol, kif adatt, u f'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom, u ma' pajjiżi sħab, f'konformità mal-qafas legali applikabbli u inkluż it-tisħiħ tal-kapaċità ta' dawn il-pajjiżi li jalimentaw il-bażijiet ta' data tal-Interpol u jużawhom għall-prevenzjoni tal-ivvjaġġar u għall-prosekuzzjoni. L-UE tinsab lesta li tassisti aktar lill-pajjiżi sħab ta' prijorità, li huma l-aktar milquta mill-fenomenu tal-"ġellieda li jirritornaw", sabiex tgħinhom iressqu lill-awturi tar-reati quddiem il-ġustizzja, jindirizzaw ir-radikalizzazzjoni fil-ħabsijiet li twassal għall-estremiżmu vjolenti u t-terroriżmu, u jappoġġaw attivitajiet ta' riabilitazzjoni u ta' riintegrazzjoni, inkluż ta' membri tal-familja, kif ukoll servizzi speċjalizzati għat-tfal li jirritornaw ta' dawn il-ġellieda.

c) Approċċ imsejjes fuq il-Ġustizzja Kriminali għat-Terroriżmu, Informazzjoni mill-Kamp tal-Battalja u Evidenza Elettronika

17. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza ta' approċċ imsejjes fuq il-ġustizzja kriminali għat-terroriżmu u l-ħtieġa li tissaħħaħ il-katina ta' ġustizzja kriminali konformi mad-drittijiet tal-bniedem fid-dinja kollha, inkluż is-servizzi ta' sigurtà, l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet, f'konformità mad-dritt internazzjonali rilevanti, inkluż id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-dritt internazzjonali dwar ir-refuġjati u d-dritt umanitarju internazzjonali. F'dan ir-rigward u f'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali u tal-UE, kull meta jkun possibbli għandhom isiru sforzi biex l-informazzjoni mill-kamp tal-battalja tkun disponibbli u utli għall-awtoritajiet kompetenti u għall-ġudikatura tal-Istati Membri sabiex jiġi żgurat kontroll effettiv fil-fruntieri u tiġi appoġġata prosekuzzjoni effettiva ta' awturi ta' reati terroristiċi.
- Minbarra l-kooperazzjoni bilaterali importanti ma' sħab strateġiċi ewlenin, jistgħu jiġu żviluppati aktar kooperazzjoni u koordinazzjoni ma' sħab internazzjonali rilevanti oħra kif adatt u bir-rispett dovut għall-qafas istituzzjonali tal-UE. Barra minn hekk, il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li jittejbu l-konservazzjoni u t-trażmissjoni ta' evidenza elettronika waqt investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet kriminali transkonfinali marbuta ma' każijiet ta' terroriżmu. Kull azzjoni b'rabta ma' din il-kwistjoni trid tkun konsistenti mal-prinċipji ta' Internet ħieles, miftuħ u sigur, mingħajr ma jiġu kompromessi d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, inkluż il-libertà ta' espressjoni, jew il-protezzjoni tad-data personali.

d) *Il-Finanzjament tat-Terroriżmu*

18. Il-Kunsill jinnota l-konklużjonijiet dwar Prijoritajiet Strateġiċi dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu adottati fil-5 ta' Diċembru 2019, u jisħaq ukoll fuq l-importanza kritika li jinżamm impenn internazzjonali qawwi għat-tixjin tas-sorsi tal-finanzjament tat-terroriżmu.

Huwa jilqa' l-adozzjoni tal-UNSCR 2462 (2019) dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu, li tirrappreżenta pass kbir lejn l-istabbiliment ta' qafas internazzjonali komprensiv f'dan il-qasam. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-ħidma mwettqa mit-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF) biex jiġu żviluppati standards u tiġi promossa l-implimentazzjoni effettiva ta' miżuri legali, regulatorji u operattivi.

Il-Kunsill jibqa' impenjat li jappoġġa attivitajiet li għandhom l-għan li jtejbu u jsaħħu l-kondiviżjoni tal-informazzjoni u li jipprovdu appoġġ lil pajjiżi sħab ta' prijetà sabiex isaħħu l-kapaċità tagħhom li jikkonformaw mar-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, ir-rakkomandazzjonijiet tal-FATF, il-leġislazzjoni rilevanti tal-UE u l-aġenda ta' Pariġi adottata matul l-ewwel konferenza "*No Money for Terror*" li saret fil-25 u s-26 ta' April 2018. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jissaħħu l-kapaċitajiet tal-pajjiżi li jikkonfiskaw l-assi ta' terroristi. Fil-qasam tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu, il-Kunsill jagħraf l-isfidi, bħal: l-isfruttament ta' flus jew trasferimenti ta' valur formali u informali, inklużi rimessi; forom ġodda ta' pagamenti bħal flus elettroniċi, li jinvolvu teknoloġiji krypto u blockchain; u l-finanzjament tat-terroriżmu mit-traffikar tad-drogi u l-armi tan-nar bil-kuntribandu minn żoni ta' kunflitt.

Barra minn hekk, b'kont meħud tal-fatt li gruppi terroristiċi qed jiġġeneraw introjtu mill-kummerċ u t-traffikar illeċitu ta' proprjetà kulturali, inkluż dik misruqa u ssakkeġġata minn siti arkeoloġiċi f'żoni ta' kunflitt, u filwaqt li jittieħed ukoll kont tat-tagħlimiet miksuba fl-operazzjonijiet u l-missjonijiet tal-UE, il-Kunsill jistieden lill-UE biex tirrifletti dwar kif il-pajjiżi milquta jistgħu jkomplu jiġu meġhuna jiproteġu l-wirt kulturali tagħhom stess, inkluż bl-użu tal-ġhodod u l-miżuri rilevanti mill-Interpol, l-Organizzazzjoni Dinjija Doganali, l-UNESCO u l-FATF.

e) Terroriżmu u Estremiżmu Vjolenti Iżlamiċi u Politikament Motivati

19. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid li huwa jikkundanna t-terroriżmu fil-forom u l-manifestazzjonijiet kollha tiegħu, u li t-terroriżmu mhuwiex ġustifikabbli, irrispettivament minn kwalunkwe kunsiderazzjoni ta' natura politika, filosofika, ideoloġika, razzjali, etnika, u reliġjuża jew kwalunkwe natura oħra li tista' tiġi invokata biex tiġġustifikahom. Il-Kunsill jappella biex l-enfasi fuq l-ideoloġija Iżlamista estremista vjolenti tkompli tissaħħaħ. It-theddida mill-estremiżmu vjolenti u mit-terroriżmu politikament motivati, inkluż t-theddida mil-lemin estrem u tax-xellug estrem, qed tikber u hija progressivament konnessa bejn il-fruntieri, speċjalment permezz tal-Internet. Il-Kunsill għalhekk jappella għal aktar involviment mas-sħab rilevanti dwar din il-kwistjoni.

Dan jinvolti djalogu ma' pajjiżi terzi rilevanti u ma' kumpanniji tat-teknoloġija globali dwar modi kif tiġi miġġielda b'mod effettiv il-propaganda estremista vjolenti fuq l-Internet, inkluż diskors ta' mibegħda, b'rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali. F'dan ir-rigward, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-governanza tajba huma essenzjali fit-trawwim ta' narrattivi pożittivi u mezzi effettivi u mhux vjolenti biex jiġu indirizzati diversi lmenti politiċi, soċjali u oħrajn. Is-sħab ikkonċernati, kemm ġewwa kif ukoll barra mill-UE, għandhom jiġu mistiedna jipparteċipaw f'dan l-impenn mill-bidu.

f) Użu ħażin tal-Internet għal Finijiet Terroristiċi

20. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-ġlieda kontra l-użu ħażin tal-Internet għal finijiet terroristiċi hija strumentali fil-ġlieda kontra l-propaganda terroristika u estremista vjolenti. F'konformità ma' dan, huwa jafferma mill-ġdid il-hteġa urġenti għal regolament Ewropew li jipprevjeni d-disseminazzjoni ta' kontenut terroristiku illegali online. Huwa jenfasizza wkoll il-hteġa ta' approċċ li jinvolvi diversi partijiet ikkonċernati, fejn l-industrija taħdem flimkien ma' gvernijiet tal-UE u ta' pajjiżi sħab kif ukoll l-akkademja u s-soċjetà ċivili fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu.

Il-Kunsill jappella lill-industrija tat-teknoloġija biex tassumi aktar responsabbiltà għall-ġlieda kontra l-propaganda terroristika u r-radikalizzazzjoni li twassal għall-estremiżmu vjolenti u għat-terroriżmu u tindirizza b'mod proattiv il-prevenzjoni, id-detezzjoni u t-tneħħija ta' kontenut illegali online, filwaqt li tissalvagwardja d-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll ir-reklutaġġ u l-ippjanar fuq il-pjattaformi tagħhom, u għandha ttejjeb it-trasparenza rigward l-isforzi tagħhom għal dan il-għan fir-rigward tal-pubbliku u l-gvernijiet.

F'dan ir-rigward, il-kooperazzjoni li ilha teżisti bejn l-Istati Membri tal-UE u l-industrija permezz tal-Forum tal-UE dwar l-Internet u l-azzjoni globali aktar reċenti dwar is-"Sejħa ta' Christchurch biex jiġi eliminat kontenut terroristiku u estremist vjolenti online" huma inizjattivi li wasslu għal progress konkret u jipprovdu punt ta' tluq tajjeb għal aktar involviment. Il-Kunsill jappella lill-istati kollha li għadhom ma għamlux dan biex jappoġġaw din l-inizjattiva.

Il-Kunsill jappella wkoll għal esplorazzjoni ta' kif il-komunikazzjoni strateġika tista' tintuża biex jissaħħu l-isforzi tal-UE għall-prevenzjoni tat-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti u kif tista' tikkontribwixxi għall-isforzi nazzjonali u reġjonali biex jiġi indirizzat it-terroriżmu u titrażżan ir-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ li jsaħħu l-gruppi estremisti.

g) Teknoloġiji Ġodda

21. Il-Kunsill jirrikonoxxi li żviluppi teknoloġiċi ġodda bħall-intelliġenza artifiċjali, sistemi tal-ajru mingħajr bdot abbord (drones), ir-robotika, il-bijoteknoloġiji sintetiċi, it-teknoloġiji kriptografiċi, l-istampar 3D, eċċ. jistgħu jintużaw ħażin għal finijiet illegali, inkluż għal finijiet ta' terroriżmu u estremiżmu vjolenti. Il-Kunsill jappella għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-iskambji ma' pajjiżi sħab biex jiġu massimizzati l-benefiċċji ta' teknoloġiji ġodda għas-servizzi tas-sigurtà u biex jiġi miġġieled l-użu ħażin mit-terroristi ta' teknoloġiji ġodda.

Huwa essenzjali li jkun hemm approċċ li jinvolvi diversi partijiet ikkonċernati u kooperazzjoni mill-qrib mal-gvernijiet, is-soċjetà ċivili, l-akkademja u s-settur privat, kif ukoll ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti. Barra minn hekk, il-Kunsill jinkoraġġixxi appoġġ kontinwu mill-UE għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' pajjiżi sħab li jindirizzaw ir-riskju ta' użu ħażin ta' materjal kimiku, bijoloġiku, radjoloġiku u nukleari.

h) Vittmi tat-Terroriżmu

22. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li tingħata attenzjoni speċifika lill-vittmi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-ħtieġa li jiġi żgurat li d-drittijiet tagħhom ikunu protetti u promossi abbażi ta' erba' pilastri kritiċi. L-UE għandha tappoġġa azzjonijiet ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet għal pajjiżi sħab ta' prijorità fil-qasam tal-appoġġ għall-vittmi tat-terroriżmu. Il-vittmi jista' jkollhom rwol essenzjali fil-prevenzjoni tat-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti. Dawn jistgħu jiddelegittimizzaw it-terroriżmu u jkunu vuċijiet importanti fil-ġlieda kontra l-propaganda terroristika u biex tiġi żgurata r-responsabbiltà għar-reati mwettqa kontribom. Barra minn hekk, il-Kunsill jappoġġa l-proġetti mmexxija min-NU li għandhom l-għan li jtejbu l-kapaċitajiet tal-Istati Membri tan-NU biex jassistu lill-vittmi tat-terroriżmu, u jemmen li l-isforzi multilaterali f'dan il-qasam għandhom jissaħħu u jiġu riflessi fl-Istrateġija Globali tan-NU Kontra t-Terroriżmu.

i) Il-Prevenzjoni u l-Għieda kontra l-Estremità Vjolenti u l-Indirizzar tar-Radikalizzazzjoni

23. L-indirizzar tal-kundizzjonijiet sottostanti li jwasslu għat-terroriżmu u għall-estremiżmu vjolenti u l-limitazzjoni tal-kapaċità tal-organizzazzjonijiet terroristiċi li jirreklutaw sostenituri ġodda huma kruċjali biex titrażżan it-theddida terroristika. L-indirizzar tal-kundizzjonijiet sottostanti jeħtieġ approċċ komprensiv tas-soċjetà kollha kemm hi inkluż is-sensibilizzazzjoni konsistenti ta' popolazzjonijiet vulnerabbli. Il-kooperazzjoni mill-qrib maż-żgħażaġh, mat-tfal, man-nisa, mas-soċjetà ċivili, mad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u mal-vittmi tat-terroriżmu tibqa' fattur ewlieni għas-suċċess. L-involviment tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-għieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni tal-estremiżmu vjolenti jibqa' tal-akbar importanza għal approċċ ta' suċċess. Huwa importanti wkoll li jitkompla l-indirizzar tat-tixrid tan-narrattivi tal-estremiżmu vjolenti u li jkompli jiġi promoss id-djalogu interkonfessjonali u interkulturali.
- Il-Kunsill jappella għal aktar involviment ma' pajjiżi sħab prijoritarji, inkluż fil-livell multilaterali. Huwa jafferma mill-ġdid li jeħtieġ li l-UE tipprovdi t-tisħiħ tal-kapaċitajiet lill-pajjiżi u lir-reġjuni ta' prijorità, b'kont meħud tal-kuntesti differenti u speċifiċi u l-Pjanijiet ta' Azzjoni nazzjonali u reġjonali, tgħin biex l-appoġġ jiġi adattat għar-rekwiżiti tal-prevenzjoni/l-għieda kontra l-estremiżmu vjolenti (P/CVE) bħala parti inerenti mid-djalogi tagħha ma' pajjiżi terzi, f'konformità mal-konklużjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2019.

j) Approċċ ta' Rispons għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u t-Tisħiħ tal-Pożizzjoni tan-Nisa

24. Il-Kunsill jirrikonoxxi li n-nisa jistgħu jkunu partikolarment fil-mira u f'riskju li jsiru vittmi, inkluż permezz ta' vjolenza sesswali u sessista, bħala oġġetti strateġiċi tal-gruppi terroristiċi. Xi nisa jistgħu jkunu wkoll f'riskju li jsiru l-awturi u/jew jiffaċilitaw it-terroriżmu u r-radikalizzazzjoni.
- Huwa meħtieġ approċċ ta' rispons għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri fir-rigward tal-għieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni tal-estremiżmu vjolenti, li jqis id-diversità tal-esperjenzi, sabiex jinkisbu riżultati sostenibbli, bħalma hija l-promozzjoni kontinwa ta' parteċipazzjoni attiva u sinifikanti tan-nisa fil-prevenzjoni u l-isforzi tal-għieda kontra t-terroriżmu. Ir-reżiljenza għal reklutaġġ mit-terroristi tissaħħaħ billi jiġu indirizzati l-kundizzjonijiet sottostanti tat-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, filwaqt li tiġi appoġġata l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, l-edukazzjoni u t-tisħiħ tal-pożizzjoni politika u ekonomika, u jitjieb l-aċċess għall-ġustizzja.
- Il-Kunsill jinkoraġġixxi wkoll lill-Istati Membri biex jappoġġaw ir-riċerka f'dan il-qasam u biex jieħdu kont tar-riżultati meta jfasslu l-politiki, l-azzjonijiet u l-assistenza għal pajjiżi sħab.

k) L-Enfasi fuq iż-Żgħażaġħ

25. L-għoti ta' opportunitajiet liż-żgħażaġh biex tissaħħaħ ir-reżiljenza kontra r-radikalizzazzjoni li twassal għal estremiżmu u terroriżmu vjolenti huwa essenzjali. Jeħtieġ li tingħata aktar attenzjoni lill-edukazzjoni, it-taħriġ vokazzjonali, il-ħolqien tal-impjiegi u l-inklużività sabiex iż-żgħażaġh jingħataw is-setgħa li jiddeterminaw il-futur tagħhom stess. Għandhom jissaħħu aktar il-programmi għall-bini ta' pontijiet bejn iż-żgħażaġh minn madwar il-Mediterran, inkluż billi jiġu estiżi l-programmi eżistenti.

l) Reġimi ta' Sanzjonijiet kontra t-Terroriżmu

26. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-importanza ta' reġimi ta' sanzjonijiet robusti u effettivi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu. Ir-rispett għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u l-garanziji dovuti tal-proċess huma essenzjali għall-kredibbiltà u l-effettività ta' miżuri restrittivi. L-UE hija determinata li tkompli tmexxi f'dan ir-rigward. Il-Kunsill jilqa' l-kontribut sinifikanti tal-Uffiċċju tal-Ombudsperson tan-NU li, sa mill-istabbiliment tiegħu, għab għustizzja u trasparenza għar-reġim ta' sanzjonijiet għad-Da'esh u l-al-Qaeda.

m) Spazju Umanitarju

27. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu dwar l-assistenza umanitarja u l-liġi umanitarja internazzjonali tal-25 ta' Novembru 2019, u f'konformità mal-UNSCR 2462 (2019), il-Kunsill jirrikonoxxi l-hteġa li jittieħed kont tal-effett potenzjali tal-miżuri kontra t-terroriżmu, inkluż sanzjonijiet, fuq l-azzjoni umanitarja. Il-Kunsill jappella biex jiġi evitat kwalunkwe impatt negattiv potenzjali ta' miżuri kontra t-terroriżmu fuq attivitajiet esklużivament umanitarji, inkluż attivitajiet mediċi, li jitwettqu minn atturi umanitarji imparzjali f'konformità sħiħa mal-prinċipji umanitarji u d-dritt umanitarju internazzjonali. Għal dak il-għan, il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn kontinwu tiegħu li jippreserva l-ispażju umanitarju, inkluż, fost l-oħrajn, permezz tal-iżvilupp tal-aħjar prattiki u l-adozzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni xierqa.

n) Rabtiet bejn il-Kriminalità Organizzata u t-Terroriżmu

28. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza ta' monitoraġġ kontinwu u ta' rispons effettiv għat-theddida li tirriżulta mir-rabtiet bejn il-kriminalità organizzata u t-terroriżmu. Hemm bżonn li tissaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali, f'konformità mal-qafas legali applikabbli, sabiex jittejbu l-iskambju ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' kontroll kontra t-terroriżmu, l-infurzar tal-liġi, l-awtoritajiet ġudizzjarji u dawk ta' sorveljanza tal-fruntieri. Dan jinkludi l-mitigazzjoni tar-riskji ta' sigurtà ta' konnessjonijiet fil-ħabsijiet bejn prigionieri tal-kriminalità organizzata u dawk terroristiċi. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-UNSCR 2482 (2019), li tidentifika għadd ta' rabtiet potenzjali differenti bejn il-kriminalità organizzata u t-terroriżmu kif ukoll kontromiżuri xierqa.

o) Il-Ħarsien tal-Ispazji Pubbliċi, l-Infrastruttura Kritika u l-Avjazzjoni minn Theddid Terroristiku

29. Spiss l-attakki terroristiċi jkollhom fil-mira oqsma pubbliċi bħal skejjel, lukandi, ċentri kummerċjali, avvenimenti kulturali u sportivi, żoni ffullati, ċentri tat-trasport, u, b'mod partikolari, postijiet ta' qima. Il-Kunsill jappella lill-UE biex tkompli tassisti lill-pajjiżi sħab biex jipproteġu tali postijiet. Dan ifisser, fost l-oħrajn, il-finanzjament ta' proġetti u ż-żamma ta' skambji tal-aħjar prattiki u gwida, inkluż bl-iffaċilitar ta' networks. Hemm ukoll il-hteġa li titqajjem il-kuxjenza taċ-ċittadini tal-UE li qed jivvjaġġaw fil-livell internazzjonali. Il-Kunsill jappella wkoll lill-UE biex tkompli tappoġġa t-tisħiħ tal-kapaċitajiet f'pajjiżi sħab għall-protezzjoni ta' infrastrutturi kritiċi u r-reżiljenza ta' networks li jipprovdu servizzi kritiċi f'firxa ta' setturi.

p) Tisħiħ tal-Kapaċitajiet

30. Il-Kunsill jappella għal rabta aktar b'saħħitha bejn il-kwistjonijiet trasversali ewlenin deskritti hawn fuq u l-appoġġ għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-pajjiżi sħab. Il-finanzjament mill-UE għal proġetti esterni għall-ġlieda kontra t-terroriżmu (CT) u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti (P/CVE) żdied b'aktar mit-tripplu mill-2015 'l hawn, b'madwar EUR 465 miljun fi tmiem l-2019. Barra minn hekk, il-valutazzjonijiet regolari tal-impatt huma għodod importanti biex jiggwidaw l-azzjoni futura.
- Fejn preżenti, in-Network ta' esperti dwar is-sigurtà/il-ġlieda kontra t-terroriżmu f'delegazzjonijiet tal-UE għandu jkollu rwol importanti fl-iżvilupp ulterjuri ta' attivitajiet immirati tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet f'koordinazzjoni ma' donaturi oħra, kif ukoll fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-Istati Membri tal-UE. Fl-istess ħin, jeħtieġ li l-UE tikseb perspettiva usa' tal-assistenza ġenerali li tipprovdi lill-istess riċevituri, inkluż permezz ta' missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK, li jista' jkollhom rwol fil-prevenzjoni tal-estremiżmu vjolenti u r-radikalizzazzjoni, kif ukoll f'oqsma mhux relatati mas-sigurtà, li spiss jikkontribwixxu għall-indirizzar tal-kawżi fundamentali ta' dawn il-fenomeni.

Kooperazzjoni internazzjonali

31. Konxju tal-konklużjonijiet tiegħu dwar l-azzjoni biex jissaħħaħ il-multilateraliżmu, adottati fis-17 ta' Ġunju 2019, il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jitkomplew b'mod attiv il-politiki u l-miżuri kontra t-terroriżmu bbażati fuq l-istat tad-dritt u d-dritt internazzjonali, b'mod partikolari d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt internazzjonali dwar ir-refuġjati.
32. L-UE ser tkompli b'mod kostanti tibni u ssaħħaħ is-sħubija strateġika tagħha mal-atturi globali ewlenin f'dan il-qasam, l-ewwel u qabel kollox man-Nazzjonijiet Uniti. Hija ser tkompli ssegwi l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni ma' għadd ta' sħab u organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali, inizjattivi u pjattaformi multilaterali oħra, speċjalment ma' atturi ewlenin bħan-NATO, kif maqbul fis-Sett Komuni UE-NATO tal-2017 ta' Proposti Ġodda, il-Kunsill tal-Ewropa u l-OSKE.
- L-UE hija wkoll membru kemm tal-Forum Globali Kontra t-Terroriżmu kif ukoll tal-istituzzjonijiet ispirati minnu (il-Fond Globali għall-Involviment u għar-Reżiljenza tal-Komunità, iċ-Ċentru Hedayah u l-Istitut Internazzjonali għall-Ġustizzja u għall-Istat tad-Dritt), u l-Koalizzjoni Globali kontra d-Da'esh u l-gruppi ta' ħidma tiegħu. L-UE ser iżżomm u żżid l-involviment tagħha maż-żewġ entitajiet.
- Bħala komunità ta' nazzjonijiet ibbażata fuq ir-regoli, l-UE għandha tfittex li ssaħħaħ is-sħubiji ma' pajjiżi bl-istess fehmiet u, fejn adatt u bir-rispett dovut għall-qafas istituzzjonali tal-UE, tesplora opportunitajiet għall-ħolqien ta' sħubiji ġodda.
33. Din il-ħidma multilaterali, bilaterali u reġjonali għandha tgħin biex tiffaċilita l-għarfien tas-sitwazzjoni konġunta, il-kooperazzjoni operazzjonali u l-koordinazzjoni tad-donaturi kemm bejn l-Istati Membri kif ukoll ma' firxa wiesgħa ta' atturi mhux tal-UE. Hekk kif qed jiġi segwit it-tiżiħ ulterjuri tas-sensibilizzazzjoni, il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni mas-sħab strateġiċi ewlenin tal-UE, il-Kunsill jinnota wkoll l-importanza li jitkomplew l-isforzi biex ikun hemm involviment ma' atturi globali u reġjonali rilevanti oħra, kif adatt, fl-insewiment tal-interessi strateġiċi tal-UE.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u t-tkomplija tas-segwitu

34. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa għat-tisħiħ kontinwu tal-arkitettura esterna tal-UE kontra t-terroriżmu u l-azzjoni f'konformità mal-prijoritajiet stabbiliti hawn fuq, abbażi tal-mezzi kollha disponibbli fl-istituzzjonijiet, is-servizzi u l-oqsma ta' politika interni u esterni bil-ħsieb li jiġu massimizzati s-sinerġiji.
35. Il-Kunsill jappella lill-korpi rilevanti tal-UE biex ikomplu jsaħħu s-sinerġija u jtejbu l-koordinazzjoni bejn id-dimensjonijiet interni u esterni tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri, u biex jiżguraw prijoritizzazzjoni fl-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet rilevanti tal-Kunsill. Il-Kunsill jistenna b'interess l-Istrateġija tal-Unjoni tas-Sigurtà li jmiss u l-ipprogrammar taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss (2021-2027).
36. Il-Kunsill iqis neċessarju li d-direzzjoni strateġika tiegħu dwar l-aspetti esterni tal-azzjoni tal-UE fir-rigward tal-ġlieda kontra t-terroriżmu tiġi evalwata mill-ġdid perjodikament. Din għandha tibni fuq ir-riżultati miksuba fl-implimentazzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet u għandha tkun ibbażata fuq valutazzjonijiet ta' theddid ġdid li jirriżulta mit-terroriżmu u r-radikalizzazzjoni li jwasslu għall-estremiżmu u terroriżmu vjolenti.
-